



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7085/22

LIMITE

CORLX 254  
CFSP/PESC 346  
RELEX 332  
MOG 23  
CONUN 54  
FIN 311

#### ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-  
sitwazzjoni fil-Jemen

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014  
rigward miżuri restrittivi  
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.
- (2) Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) żied entità waħda fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ANNESS

.....

